MINUTI

KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN

IS-SITT LEĠISLATURA

LAQGĦA NUMRU TMINTAX (Kontinwazzjoni)

**4 ta' April, 2011**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fis-5.45 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPuis u l-Kunsilliera Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici, Violet Bajada, Joan Farrugia, Marica Bayliss, Neville Mallia u Mikhail Micallef.

**APOLOGIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**

Il-Vici Sindku David Dalli avza li ma setghax jattendi minhabba ragunijiet ta' xoghol.

Il-Kunsill ikkunsidra l-apoligija tieghu bhala gustifikata.

**ASSENTI**

Ic-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPius ippresjeda.

**18.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

18.2.12 Il-Kunsill kien infurmat bid-dettalji tat-*tournament* tal-futbol u l-istediniet ghal prezentazzjoni tat-trofrew u ghal ftuh ufficjali.

18.2.13 Il-Kunsill approva d-disinni tal-progett li qed jigi mhejji ghall-applikazzjoni taht il-mizura 313 ghal fondi mill-UE.

18.2.14 Il-Kunsill qabel ma' proposta maghmula mis-Sindku sabiex ikun hemm kuntratt regjonali fir-rigward tal-iskema tal-Awtorita tad-Djar ghal manutenzjoni tal-partijiet komuni tal-binjiet tal-Gvern.

18.2.15 Il-Kunsill kien infumat li d-Dipartiment ma kienx ta parir pozittiv dwar l-ingagg tal-APO, fejn wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li jitkompla l-process billi jigu mibghuta kandidati mill-Korporazzjoni ghax-Xoghol u t-Tahrig, kif ukoll li ssir talba lid-Dipartiment ghal ingagg ta' skrivan/a fi skala 15.

18.2.16 Il-Kunsill unanimanent approva li bhala parti mill-progett socjali taht l-iskema tal-Awtorita tad-Djar, iwettaq progett favur it-tfal li jkollhom bzonn l-attenzjoni sabiex jaghmlu l-*howework* u li dan isir flimkien mal-kumpanija *TCTC Limited* ghal prezz ta' €1125.

18.2.17 Il-Kunsill kien infurmat li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ma approvax it-talba sabiex jigi ngaggat impjegat iehor u qabel li jerga jzomm laqgha mal-IPSL dwar il-possiblita li jsiru xoghlijiet partikolari mill-haddiema taghhom.

18.2.18 Is-Sindku informa lil Kunsill li d-Dipartiment bghatt komunikat fejn semma li kien irrefera lit-taqsima legali tieghu il-parir tal-Avukat tal-Kunsill dwar hatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv.

18.2.19 Il-Kunsill qabel li jghaddi ilment li rcieva lil TM dwar installazzjoni ta' *crash barriers* quddiem ir-residenza taghha.

18.2.20 Il-Kunsill ikkunsidra skeda ta' pagamenti numru 40 li tressqet ghall-approvazzjoni tal-kontijiet tal-kuntratturi, li tinsab anessa ma' dawn il-Minuti.

18.2.21 Kien innotat li l-*contracts manager* hareg *default notice* wahda lil ~~wiehed mill-kuntratturi~~ *kuntrattur tal-latrina pubblika*.

**Emendat Laqgha 20**

18.2.22 Il-Kunsillier Rita Saliba ressqet din il-mozzjoni:

*18.2.23 "Il-Kunsill japprova l-iskeda ta' pagament numru 40, kif imressqa."*

18.2.24 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u ghaddiet b'seba voti favur u astenzjoni.

18.2.25 Il-Kunsillier Mikhail Micallef dahal ghal-laqgha f'dan l-istadju. (6.30pm)

## 18.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

18.1.1 Il-Kunsill kien mitlub jikkonsidra l-Minuti ta' seduta numru 16 tas-27 ta' Jannar, 2011.

18.1.2 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din il-mozzjoni:

*18.1.3 "Il-Kunsill japprova l-Minuti ta' seduta numru 16 tas-27 ta' Jannar, 2011, kif imressqa."*

18.1.4 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u ghaddiet unanimament.

18.1.5 Il-Kunsill kien mitlub jikkonsidra l-Minuti ta' seduta numru 16 *ad hoc* tas-7 ta' Frar, 2011.

18.1.6 Il-Kunsillier Violet Bajada ressqet din il-mozzjoni:

*18.1.7 "Il-Kunsill japprova l-Minuti ta' seduta numru 16 ad hoc tas-7 ta' Frar, 2011, kif imressqa."*

18.1.8 Din il-mozzjoni kienet issekondata mis-Sindku u ghaddiet b'seba voti favur u astenzjoni.

18.1.9 Il-Kunsill kien mitlub jikkunsidra l-Minuti ta' seduta numru 16 (Kontinwazzjoni) tal-21 ta' Frar, 2011.

18.1.10 Il-Kunsillier Neville Mallia ressaq din l-emenda:

18.1.11 "Il-Kunsill jaqbel illi wara minuta 16.1.14 jidhol paragrafu gdid li jghid "Il-Kunsillier Neville Mallia qal li din lanqas biss kellha tidher ghal hlas ghar-raguni li ma kienux qabzu s-sitt xhur u kompla jghid li s-Segretarju Ezekuttiv li jaf il-ligijiet kellu jitkellem biex din ma tithallasx."

18.1.12 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u ghaddiet f'hames voti favur u tlett astenzjonijiet.

18.1.13 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din l-emenda:

18.1.14 "Il-Kunsill jaqbel li wara l-paragrafu mizjud fl-emenda ta' qabel jidhol ukoll dan il-paragrafu gdid: "Il-Kunsillier Marica Bayliss qalet li "jikkumplimenta l-ammont li dahal ghalih il-Kunsill" ma kinitx tajba ghaliex il-Kunsill ma dahalx ghal *ebda* ftehim jew ammont ta' hlas."

**Emendat Laqgha 20**

18.1.15 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Neville Mallia u ghaddiet f'hames voti favur u tlett astenzjonijiet.

18.1.16 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din l-emenda:

18.1.17 "Il-Kunsill jaqbel li f'minuta 16.1.7 jidhlu l-kliem "tal-Milied" wara l-kelma "attivitajiet".

18.1.18 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Neville Mallia u ghaddiet b'hames voti favur u tlett astenzjonijiet.

18.1.19 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din l-emenda:

18.1.20 "Il-Kunsill jaqbel li f'minuta 16.1.11 ghandu jizdied dan il-kliem: "inkluz il-provediment tal-boroz ghal gor-ricipjenti.""

18.1.21 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u ghaddiet b'hames voti favur u tlett astenzjonijiet.

18.1.22 Il-Kunsillier Violet Bajada kienet skuzata mil-laqgha f'dan il-hin. (6.50pm)

18.1.23 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din il-mozzjoni:

*18.1.24 "Il-Kunsill japprova l-Minuti ta' seduta numru 16 (Kontinwazzjoni) tal-21 ta' Frar, 2011, kif emendati."*

18.1.25 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u ghaddiet b'erbgha voti favur u tlett astenzjonijiet.

18.1.26 Il-Kunsill kien mitlub jikkunsidra l-Minuti ta' seduta numru 17 tal-21 ta' Frar, 2011.

18.1.27 Il-Kunsillier Neville Mallia ressaq din l-emenda:

18.1.28 "Il-Kunsill jaqbel li fi tmiem minuta 17.4.7 jidhlu dawn il-kliem: "u diga drat ix-xoghol u l-Kunsill hu sodisfatt bix-xoghol."

18.1.29 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u ghaddiet b'sitt voti favur u astenzjoni.

18.1.30 Kien hemm qbil li minflok il-*misprint* f'minuta 17.4.14 ghandha tidhol ic-cifra rispettiva.

18.1.31 Il-Kunsillier Neville Mallia ressaq din il-mozzjoni:

*18.1.32 Il-Kunsill japprova l-Minuti ta' seduta numru 17 tal-21 ta' Frar, 2011, kif emendati."*

18.1.33 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u approvata b'sitt voti favur u astenzjoni.

18.1.34 Il-Kunsill kien mitlub jikkunsidra l-Minuti ta' seduta numru 17 (Kontinwazzjoni) tas-7 ta' Marzu, 2011.

18.1.35 Il-Kunsillier Joan Farrugia ressqet din l-emenda:

18.1.36 "Il-Kunsill jaqbel li wara minuta 17.1.15 ghandu jidhol paragrafu gdid li jghid: "Il-Kunsillier Joan Farrugia ressqet proposta, ssekondata mill-Kunsillier Violet Bajada sabiex isir il-progett tal-*cart ruts*, fejn ma kienx hemm qbil mill-Kunsill."

18.1.37 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici u ghaddiet b'sitt voti favur u astenzjoni.

18.1.38 Il-Kunsillier Joan Farrugia ressqet din l-emenda:

18.1.39 "Il-Kunsill jaqbel li wara minuta 17.1.16 jidhol paragrafu gdid li jghid: "Fuq talba ghal division ghal vot irrizulta li l-voti favur

kienu tas-Sindku, l-Vici Sindku u l-Kunsilliera Marica Bayliss u Neville Mallia, dawk kontra kienu tal-Kunsilliera Joan Farrugia, Violet Bajada u Anthony Mifsud Bonnici u l-astenzjoni tal-Kunsllier Rita Saliba.""

18.1.40 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici u ghaddiet b'sitt voti favur u astenzjoni.

18.1.41 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din l-emenda:

18.1.42 "Il-Kunsill jaqbel li f'minuta 17.2.2 jidhlu dawn il-kliem: "b'din is-sejha jista jkun li qed niksru kuntratt ezistenti mal-ELC u ghalhekk gie mitlub *ruling* mid-Dipartiment"."

18.1.43 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u ghaddiet b'hames voti favur u zewg astenzjonijiet.

18.1.44 Kien iccarat li f'paragrafu 17.2.7 jidhlu l-kliem "*Data Protection Act*".

18.1.45 Il-Kunsillier Joan Farrugia ressqet din l-emenda:

18.1.46 "Il-Kunsill jaqbel li f'minuta 17.2.7 ghandha tidhol il-kelma "cameras" wara l-kelma "tabelli". "

18.1.47 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u ghaddiet f'hames voti favur u zewg astenzjonijiet.

18.1.48 Il-Kunsillier Neville Mallia ressaq din il-mozzjoni:

*18.1.49 "Il-Kunsill japprova l-Minuti ta' seduta numru 17 (Kontinwazzjoni) tas-7 ta' Marzu, 2011, kif emendati.*

18.1.50 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u ghaddiet b'hames voti favur u zewg astenzjonijiet.

18.1.51 Dwar minuta 16.4.1, il-Kunsill kien infurmat li l-bord mahtur kien ghadu ma ltaqax.

18.1.52 Dwar minuta 16.8.2, l-Kunsill kien infurmat li gie avzat l-Ufficjal Awtorizzat mis-sistema tal-Infurzar tal-Ligi.

18.1.53 Dwar minuta 16.8.16, il-Kunsill kien infurmat li ma kienux tlestew ix-xoghlijiet.

18.1.54 Dwar minuta 16.2.4, il-Kunsill kien infurmat li saret laqgha mas-Segretarju Parlamentari fejn kien diskuss il-possiblita li

tidhol ghal parti sostanzjali mill-ispiza l-*Malta Industrial Parks*.

18.1.55 Dwar it-tahrig taht l-iskema *Long Life Learning*, il-Kunsill kien mgharraf li dan it-tahrig qed isir.

18.1.56 Dwar minuta 16.8.22, l-Kunsill kien mgharraf li accettaw l-istedina mill-Kunsill, kienu l-Kunsilli Lokali Ghawdxin tar-Rabat, Kercem u Xaghra.

18.1.57 Dwar minuta 16.8.3, il-Kunsill qabel li l-posters li ghandhom jitwahhlu fin-*noticeboards* kienu dawk relatati ma' attivitajiet tal-Kunsilli Lokali u dawk governattivi.

18.1.58 Dwar minuta 16.1.15, il-Kunsill kien infurmat li s-*CCTV* fl-ufficcju ma kinitx twahhlet minhabba xi problema teknici mal-MITTS, fejn wara kien konkluz li din ghandha tkun fuq kompjuter separat mis-sistema.

18.1.59 Dwar minuta 16.1.18, il-Kunsill kien infurmat li TM regghet kienet notifikata biex taghti risposta.

18.1.60 Dwar minuta 17.4.40, kien iccarat li x-xoghol moghti kien relatat mad-dwal biss.

18.1.61 Is-Sindku ghalaq il-laqgha f'dan l-istadju (7.50pm), fejn kien hemm qbil li xi punti ohrajn mill-minuti flimkien mal-laqgha msejha llum ghad-diskussjoni dwar hrug ta' offerti jsiru f'seduta li titella nhar it-Tnejn 18 ta' April, 2011.

Konfermati, illum __ Mejju, 2011

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello DuPius | Adrian Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |